MTARFA

**IR-RABA’ LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 16 – IL-ĠIMGĦA 22 TA’ MEJJU 2009**

Il-Kunsill iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-6.30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi-Sindku |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsilliera |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsiller |
| | Bernard Borg | Kunsillier |
| | Hector Cassola | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Fil-bidu tal-laqgħa kien preżenti l-avukat tal-Kunsill, Dr. Mifsud u tlett rappreżentanti tal-*Club House*, biex jiġi iffirmat il-ftehim għall-għoti b’kera għall-użu tal-*Club House*. Tqassmu kopji tal-kuntratt lill-Kunsilliera u dawk kollha preżenti. Il-Kunsilliera Helen Bugeja u Bernard Borg staqsew lis-Sindku jekk qattx ittieħed vot biex isir l-iffirmar. L-A/SE qal li qatt ma ittieħed vot. Meta l-avukat preżenti ivverifika l-minuti, sab li dan kien minnu. Peress li qatt ma ttieħed vot formali, il-parir tal-avukat kien li l-iffirmar għandu jiġi pospost sakemm ikun hemm deċiżjoni ċara mill-Kunsill. Fuq mistoqsija oħra tal-Kunsillier Bernard Borg; jekk is-Sindku Anthony Mifsud kienx Viċi President tal-Mtarfa F.C. li magħhom kien ser jiġi iffirmat il-kuntratt, il-Kunsiller sostna li f’din is-sitwazzjoni hemm interess pekunarju. L-avukat wieġeb li s-Sindku seta jiffirma għan-nom tal-Kunsill peress li minn dan il-ftehim ma kien se jagħmel ebda qlieh personali, u l-iffirmar kien ser isir għan-nom tal-Kunsill kollu. Wara li intemmet din id-diskussjoni, l-iffirmar ta’ dan il-kuntratt tħalla għal nhar il-Ħamis 28 ta’ Mejju fis-7.00 ta’ filgħaxija. L-avukat tal-Kunsill irtira mill-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-ħmistax il-laqgħa tal-Kunsill ġew meħuda bħala moqrija, ma kien hemm ebda korrezzjoni xi jsiru.

## 2. PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsill ma kellu ebda punti xi jqajjem dwar il-minuti, u s-Sindku ffirma l-minuti hekk kif ġew approvati.

## 3. FINANZI TAL-KUNSILL

3.1 L-A/SE ippreżenta rapport finanzjarju li juri l-fondi tal-Kunsill fil-banek. Il-Kunsill għandu bilanċ totali ta' €96,824.32. Dan l-ammont għandu l-lista ta' pagamenti li qed tiġi ippreżentata f'din il-laqgħa diġa imnaqqsa. Kopja ta' dan ir-rapport qed jiġi mehmuz ma' dawn il-minuti.

3.2 L-A/SE ippreżenta l-lista ta' pagamenti li tlaħħaq għal total ta' €53,307.54.

Il-Kunsilliera Bernard Borg u Helen Bugeja oġġezzjonaw għat-talba tas-Sur Paul Gatt (ex Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali Mtarfa) li qed jitlob ħlas ta' servizz li jammonta għal €1250.00 ( €850 u €400). Dan huwa servizz konness mal-attivita' 'Military Mtarfa'. Kien hemm qbil mill-Kunsill li Paul Gatt għandu jippreżenta *invoices* attwali u mhux talba bil-miktub kif ukoll dokumenti oħra bħala evidenza li l-ispejjeż imsemmijha rejalment intefqu, u l-irċevuti tagħhom.

Intqal, fil-każ ta' Paul Gatt u t-talba tiegħu ta' €1250.00 jista jkun hemm interess pekunarju skond id-dispożizzjonijiet tal-Artiklu numru 19 tal-Att tal-Kunsilli Lokali XV 1993, peress li l-istess Paul Gatt kien dan l-aħħar l-A/SE tal-Kunsill Lokali tal-Mtarfa; meta din l-attivita ġiet proposta fi żmienu u mibdija minnu; u hekk kompla jgħid il-Kunsillier Bernard Borg.

Il-Kunsilliera Bernard Borg u Helen Bugeja sostnew illi l-Kunsill ma kien ħareg ebda sejħa għall-3 offerti fir-rigward tas-servizzi tas-Sur Paul Gatt, bħala ko-ordinatur għall-attivita' '*Military Mtarfa'*. L-ammont ta' €1250.00 mitlub minnu, isarraf ghal aktar minn Lm500.00.

Dwar *billboards* li deheru fit-toroq għall-istess attivita, l-istess Kunsilliera qalu li ma kien hemm ebda sejħa għal 3 kwotazzjonijiet sabiex jittellgħu il-*billboards* għal '*Military Mtarfa'*. Dawn il-*billboards* ġew imtella' mill-kumpanija JP Advertising Ltd, bl-ispiża għall-Kunsill li tlaħħaq għal €1652.00 (Lm709.00). L-A/SE preżenti qal li huwa qatt ma ta struzzjonijiet sabiex dawn ix-xogħolijiet jitwettqu peress li kien hemm Kumitat apposta li kien qed jieħu ħsieb din l-attivita'. Is-Sur Paul Gatt kien wieħed mill-membri u ko-ordinaturi ta' dan il-Kumitat flimkien mal-kumpanija Future Focus.

Ġew iċċarati ċerti deskrepanzi fil-lista tal-pagamenti fejn il-pagament numru 63, mibgħut mingħand Digital Magic Co. Ltd għas-*sound* u dwalijiet fl-okkażjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, minn €1370.00 jitniżżel għal €1153.35 (Lm495.00).

Pagament numru 125 mingħand Ell's Urban Sevices Ltd għal *cold tarmac* u *patching works* li jammonta għal €12459.00, m'għandux jitħallas qabel ma jsiru taħdidiet bejn il-kuntrattur u l-Kunsill biex jiġu iċċarati xi punti dwar ix-xogħol li sar.

Kont numru 81; is-Sindku spjega dwar l-istampar fuq *billboard* mingħand JP Advertising Ltd u dwar prezz ta' servizz ta' *audiovisuals* u radju għall-attivita ta' '*Military Mtarfa'* bil-prezz ta' €991.20. Il-Kunsill qabel li dan il-kont għandu jitħallas.

## 4. XOGĦOLIJIET LI QED ISIR FIL-LOKALITA TAL-KUNSILL

4.1 Ġew installati żewġ mirja għat-traffiku, waħda fi Triq Vinċenzo Bonello u oħra fi Triq l-Imtarfa.

4.2 Ġie mtella' ħajt fi Triq San Nikola.

4.3 Sar tindif fit-toroq, qtugħ ta' ħaxix. Sar tindif fiż-żona tal-iskola u Pjazza Palma.

4.4 Il-Kunsill approva ukoll il-kwotazzjoni ta' Mario Sant bil-prezz ta' €1150.00 għal ġarr ta' ħamrija u tħaffir ta' ħofor ta' fejn sejrin jitħawlu is-siġar tat-Tree For You.

## 5. TENDERS U KWOTAZZJONIJIET

5.1 Il-Kunsill irċieva 3 offerti sabiex titħaffer trinka għal *culverts* ġo Triq San David.

- L-ewwel offerta hija mingħand Spiteri Plant Importers għall-ammont totali ta' €590.00 bil-VAT inkluż.
- It-tieni offerta mingħand Alfred Schembri and Sons Ltd hija għal €866.00 u magħha irid jiżdied il-prezz ta' *back filling* u żrar, VAT inkluz.
- It-tielet offerta hija mingħand Dimbros Ltd għall-ammont totali ta' €2769.00.

Il-Kunsill iddeċieda li t-tlett adżjendi imsemmija hawn fuq għandhom jiġu ikkonsultati biex issir klarifika dwar il-prezz ikkwotat peress illi ċerti prezzijiet ġew imniżżla b'ammont globali u parti ġew ikkwotati b'rata għall-istess xogħol.

5.2 It-tender tas-*Soft Areas* jagħlaq fid-29 ta' Mejju 2009 meta l-Kunsill imbagħad jagħmel evalwazzjoni.

5.3 Intefgħu 2 kwotazzjonijiet għat-tabelli tat-toroq u l-Kunsill qabel li għandu jikkonsulta maż-żewg kuntratturi sabiex jinnegozja l-iżjed prezz vantaġġjuż u jrid isir iżjed rinforzament biex it-tabelli ma jinqalgħux minn posthom.

Il-Kunsill qabel li dawk il-persuni li tefgħu l-kwotazzjonijiet tagħhom għandhom jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill biex jagħtu aktar taghrif lill-A/SE, u fejn hu possibli jinbeda ix-xogħol minnufih.

## 6. IFFIRMAR TAL-CLUB HOUSE

6.1 Meta l-kwistjoni tal-*Club House* reġgħet ġiet għad-diskussjoni, il-Kunsilliera riedu iżjed żmien biex jiflu l-kuntratt wara li kien spjegat mill-avukat. Jekk hemm xi oġġezzjonijiet kellhom jitressqu fil-laqgħa tal-Kunsill li ser issir il-Ħamis 28 ta' Mejju 2009, qabel l-iffirmar. Il-Kunsill qabel fuq din il-proċedura. Il-Kunsill qabel ukoll unanimament li qabel l-iffirmar tal-kuntratt il-punti dubjużi kellhom ikunu iċċarati. Għall-kuntratt għandu jkun hemm preżenti s-Sindku, l-Kunsilliera, l-A/SE, l-avukat tal-Kunsill, u r-rappreżentanti tal-Mtarfa F.C. u Youth Nursery.

## 7. AĠĠORNAMENTI

7.1 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono qal illi żewġt itfal tal-iskola Sekondarja kissru l-mirja tat-toroq. Sar rapport lill-Pulizija u rapport lill-iskola.

7.2 Is-Sindku semma entitajiet u persuni li ħadmu volontarjament fuq ix-xogħol tal-Arloġġ tal-Mtarfa u persuni oħra li dan l-aħħar taw kontribut fuq bażi volontarja. Huwa kompla jgħid li l-ex A/SE Paul Gatt kien xieraq li jitħallas għax-xogħol li wettaq fl-okkażjoni tal-'*Military Mtarfa*'.

7.3 Il-Kunsillier Bernard Borg staqsa kif l-ex A/SE Paul Gatt kien ħa bonus qabel ma temm l-impjieg tiegħu u jekk dan kienx legali.

7.4 Is-Sindku irrefera għall-‘*Military Mtarfa’* li ġiet fdata f’idejn is-Sur Paul Gatt u Future Focus sabiex tiġi organizzata minnhom.

7.5 Il-Kunsilliera Helen Bugeja staqsiet ghaliex is-Sur John Galea li jirrappreżenta lill-Future Focus, u fl-istess ħin lill-Galea Insurance Brokers ġie inkarigat bħala konsulent biex jagħti parir fuq *insurance policies* lill-Kunsill b’konnesjoni ma’ ‘*Military Mtarfa*’, fl-istess waqt meta l-Kunsill kien diġa kommess ma’ Island Insurance Brokers bħala l-kuntratturi tal-poloz u *insurance coverage* li kellu l-Kunsill.

7.6 Is-Sindku qal li l-Kumitat li ġie mtella’ biex jieħu ħsieb l-organizazzjoni tal-‘*Military Mtarfa’* kellu l-awtorizazzjoni tal-Kunsill biex jipproċedi bil-pjanijiet u tittella’ din l-attivita’.

7.7 Il-Kunsillier Anatole Scerri Diacono tkellem dwar deċiżjonijiet li kellhom jittieħdu. Huwa qal li l-Kunsill ma setgħax jistenna l-kwotazzjonijiet u offerti u kien hemm il-ħtieġa li tittieħed id-deċiżjoni biex jitwettaq dak li kien hemm bżonn.

7.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu joħrog talba għal kwotazzjoni biex jinbena l-monument tal-ex *fire station* fejn hemm l-arma u l-kuruna biex jitpoġġew fuq il-post. Huwa sostna li l-prezz m’għandux jeċċċedi €1164.00 (Lm500).

7.9 Il-Viċi Sindku Simon Paul Fenech ippreżenta pettizzjoni iffirmata minn 18 ir-resident fl-inħawi biex jitkabbar il-*parking area* fi Triq San David u tittneħħa dik il-parti fejn hemm kaxxi għal fjuri. Għandha ssir ittra biex il-Kunsill jibgħat *acknowledgement letter* lir-residenti.

7.10 Il-Vici Sindku ippreżenta talba bil-miktub iffirmata mingħand 13 ir-resident ta’ Triq Fosos tal-Qamħ fejn qed tinġibed l-attenzjoni għan-nuqqas ta’ parkeġġ. Ir-residenti qed jitolbu li jiġi żviluppat parkeġġ għar-residenti ta’ Triq Fosos tal-Qamħ u iż-żona tiġi mnaddfa ukoll.

7.11 Il-Viċi Sindku ippreżenta talba mir-residenti ta’ Triq Sir Leslie Rundle biex issir bankina fuq in-naħa fejn jinsab il-Blokk B.G. A peress li t-triq bħalissa hija perikoluża mingħajr bankina. Għandha ssir talba lill-MEPA mill-Kunsill.

## 8. GĦELUQ IL-LAQGĦA

8.1 Il-laqgħa spiċċat fl-9.45 ta' filgħaxija u intlaħaq ftehim sabiex issir laqgħa oħra il-Ħamis 28 ta' Mejju fis-7.00 ta' filgħaxija.

________________ ________________

Anthony Mifsud
Sindku

Hector Cassola
A/Segretarju Eżekuttiv

26 ta' Mejju 2009